



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.9.2020  
COM(2020) 628 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni**

{SWD(2020) 214 final}

## 1. IŻ-ŻONA EWROPEA TAR-RIĊERKA F'KUNTEST ĠDID

Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) tnediet fl-2000, fil-kuntest tal-istrateġija ta' Lisbona, biex tindirizza l-frammentazzjoni tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, li dak iż-żmien kienet tikkonsisti mit-tqabbil tas-sistemi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni u programm ta' finanzjament fil-livell tal-UE.

Għandha l-għan li tibni żona xjentifika u teknoloġika komuni għall-UE. Il-ħolqien ta' suq uniku għar-riċerka u l-innovazzjoni li jrawwem il-moviment liberu tar-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u l-innovazzjoni, u l-inkoraġġiment ta' industrija Ewropea aktar kompetittiva. Dan jinvolvi r-ristrutturar tal-qasam tar-riċerka Ewropea biex ikun hemm aktar kooperazzjoni transfruntiera, kompetizzjoni madwar il-kontinent, il-bini ta' massa kritika u koordinazzjoni, u t-titjib tal-politiki u s-sistemi nazzjonali tar-riċerka.

Mill-2009, il-kisba taż-ŻER saret ukoll objettiv espliċitu tat-Trattat, kif espress fl-Artikolu 179 tat-TFUE.

*Iż-ŻER: 20 sena wara*

Matul l-aħħar 20 sena, iż-Żona Ewropea tar-Riċerka rat kisbiet kbar.

Il-ħidma tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) irriżultat fl-iżvilupp ta' pjanijiet għal 55 Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka, li minnhom 37 diġà ġew implimentati, fl-oqsma kollha tax-xjenza, u mmobilizzaw kważi EUR 20 biljun f'investimenti.<sup>1</sup>

L-indirizzar konġunt tal-isfidi komuni permezz tal-koordinazzjoni u l-ġbir flimkien tar-riżorsi rriżulta f'aktar minn EUR 7 biljun ta' investimenti nazzjonali fi programmi ta' riċerka konġunta mill-2004, bl-infiq konġunt annwali attwali ta' EUR 800 miljun.

Sar progress sinifikanti fit-tneħħija tal-ostakoli ġeografiċi għall-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-frammentazzjoni tal-karrieri fir-riċerka fl-Ewropa, immexxija mill-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi, diġà adottat minn 1242 organizzazzjoni.<sup>2</sup> Barra minn hekk, l-inizjattiva EURAXESS<sup>3</sup> tappoġġa l-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-iżvilupp tal-karriera billi ttiprovdi informazzjoni u servizzi ta' appoġġ lir-riċerkaturi professjonali.

Iż-ŻER tejbet l-aċċess għal informazzjoni xjentifika miftuħa u bla ħlas li tista' terġa' tintuża permezz tal-inizjattiva tax-Xjenza Miftuħa<sup>4</sup> u l-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) li tnieda dan l-aħħar u li joħloq żona cloud għad-*data* tar-riċerka fl-Ewropa li tippermetti xjenza aħjar permezz ta' kondiviżjoni miftuħa u kollaborattiva tal-għarfien.

Fl-istess ħin, il-progress lejn l-objettivi taż-ŻER kien qed jonqos u jista' jinkiseb aktar titjib<sup>5</sup> f'oqsma ewlenin:

- L-investment tal-UE fir-riċerka u l-iżvilupp huwa ta' 2,19 % tal-PDG (2018), li għadu 'l bogħod mill-mira tiegħu ta' 3 %. L-investment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp ilu staġnat mill-2010. L-investment tan-negozji tal-UE fir-riċerka u l-iżvilupp (1,45 % tal-PDG)

<sup>1</sup> Ara <http://roadmap2018.esfri.eu/>

<sup>2</sup> <https://euraxess.ec.europa.eu/euraxess/charter-code-researchers>

<sup>3</sup> Ir-Riċerkaturi f'Moviment hija inizjattiva unika pan-Ewropea appoġġata mill-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. <https://euraxess.ec.europa.eu/>

<sup>4</sup> <https://ec.europa.eu/research/openscience/index.cfm?pg=openaccess>

<sup>5</sup> Ir-Rapport ta' Progress taż-ŻER tal-2018 u [https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/strategy/support-policy-making/support-national-research-and-innovation-policy-making/srip-report\\_en](https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/strategy/support-policy-making/support-national-research-and-innovation-policy-making/srip-report_en)

jibqa' ferm inqas minn dak tal-kompetituri ewlenin tagħna<sup>6</sup>. Fil-Korea t'Isfel dan jammonta għal 3,64 %, fil-Ġappun għal 2,59 %, fl-Istati Uniti għal 2,05 % u fiċ-Ċina għal 1,69 %.

- Filwaqt li l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri li għandhom inqas prestazzjoni fil-Programm ta' Qafas issa qed tiżdied<sup>7</sup>, l-indikaturi rigward il-kwalità tax-xjenza jew l-attività ta' innovazzjoni juru diskrepanzi sinifikanti fi ħdan l-Unjoni.
- L-Ewropa għadha lura wkoll biex issarraf ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-ekonomija. Għalkemm l-Ewropa hija mexxejja dinjija f'xi setturi ta' teknoloġija avvanzata bħat-teknoloġija ekoloġika, bl-importanza u t-tixrid dejjem akbar tal-ICT<sup>8</sup>, jeħtieġ li l-isforzi jiġu diretti lejn it-tisħiħ tal-innovazzjoni industrijali<sup>9</sup>, it-trasferiment tat-teknoloġija u t-trawwim tal-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni u t-tixrid tal-innovazzjoni permezz tat-trasferiment tal-għarfien u l-kooperazzjoni pubblika-privata<sup>10</sup>.
- L-UE hija mexxejja fil-kwalità tax-xjenza, inkluż fil-kollaborazzjoni xjentifika internazzjonali. Madankollu, f'termini relattivi l-UE għandha riżultati taħt l-Istati Uniti fuq l-għadd ta' publikazzjonijiet b'impatt għoli u ma rat l-ebda progress mill-2012, filwaqt li ċ-Ċina qed tiżdied.
- Minkejja l-attenzjoni kontinwa tal-politika lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-progress kien bil-mod u għadu insuffiċjenti. Filwaqt li l-ugwaljanza kważi ntlaħqet fil-gradwati tal-PhD, 24 % biss tal-ogħla pożizzjonijiet fis-settur tal-edukazzjoni għolja huma okkupati min-nisa.

It-tnaqqis fil-progress iqajjem tħassib meta l-finanzjament u r-riformi nazzjonali ambizzjużi, li jappoġġaw struttura ta' governanza kollettiva b'saħħitha, huma meħtieġa biex l-Ewropa timpenja ruħha f'azzjoni aktar b'saħħitha fl-irkupru ekonomiku.

#### *Sfidi ġodda għall-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni*

L-Ewropa bħalissa qed tiffaċċja sfidi tas-soċjetà, ekoloġiċi u ekonomiċi profondi, aggravati mill-kriżi tal-coronavirus. It-tweqqi tal-irkupru tal-Ewropa huwa prijorità urġenti, filwaqt li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali (*tranżizzjoni doppja*) huma aktar importanti minn qatt qabel<sup>11</sup>.

L-UE stabbiliet għanijiet ambizzjużi għaliha nnifisha u stabbiliet strumenti biex tikseb sostenibbiltà kompetittiva. Hija impenjat ruħha għan-newtralità klimatika<sup>12</sup> sal-2050, u l-Kummissjoni pproponiet mira ambizzjuża ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 meta mqabbla mal-1990. L-aċċellerazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni u t-titjib tal-kollaborazzjoni bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni privati u pubbliċi fl-Istati Membri lejn l-użu bikri fis-suq ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi nodfa huma vitali biex jintlaħqu dawn il-

<sup>6</sup> Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, it-Taqsima 2.1.1.1.

<sup>7</sup> Dan żdied minn 4,4 % taħt l-FP7 għal 5,6 % dan l-aħħar taħt Orizzont 2020

<sup>8</sup> An Analysis of the International Positioning of the EU Using Revealed Comparative Advantages and the Control of Key Technologies, il-Kummissjoni Ewropea

<sup>9</sup> Ara pereżempju t-Tabella ta' valutazzjoni tal-STI tal-OECD 2017, <http://dx.doi.org/10.1787/888933616940>: Mill-20 teknoloġija emerġenti tal-ICT identifikati fir-rapport, l-ebda waħda minnhom ma hija mmexxija mill-EU27. Ara wkoll it-Tabella ta' valutazzjoni Industrijali tal-UE għall-2019

<sup>10</sup> Is-sehem ta' kumpaniji innovattivi li jikkooperaw ma' istituti tal-għarfien huwa biss ta' 15 % (2016). Is-sehem tar-riċerka pubblika ffinanzjata mis-settur privat huwa biss 7,2 % (2017) u ilu jonqos bil-mod mill-2007

<sup>11</sup> [Rapport Speċjali IPCC](#) dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1.5°C (2018)

<sup>12</sup> COM(2019) 640, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 u l-[Ftehim ta' Pariġi](#) (2016).

miri u jipprovdu opportunità ekonomika għall-UE. Huwa importanti wkoll li jiġu żviluppati ktajjen strateġiċi tal-provvista ta' kapaċitajiet industrijali f'teknoloġiji nodfa<sup>13</sup>. Bl-istess mod, il-pandemija tal-COVID-19 għamlet viżibbli il-vulnerabbiltajiet tar-relazzjoni tagħna man-natura u enfasizzat il-ħtieġa ta' stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa u aktar sostenibbli. Ir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jkunu strumentali biex titħaffef bidla pożittiva, pereżempju fil-qasam ta' Prattiki ta' Biedja aktar sostenibbli jew dieti bbażati fuq il-pjanti.

Kif ġie enfasizzat fil-valutazzjoni madwar l-UE kollha tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima<sup>14</sup>, l-Istati Membri jeħtieġ li jidentifikaw politiki u miżuri biex itejbu t-tnejn u r-reżiljenza fir-rigward tat-teknoloġiji nodfa għad-deċennju li ġej.

L-għaxar snin li ġejjin huma d-Deċennju Diġitali tal-Ewropa. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet l-importanza tat-teknoloġiji diġitali l-aktar avvanzati, ibbażati fuq il-valuri Ewropej, għar-reżiljenza tal-ekonomija u s-soċjetà. It-trasformazzjoni diġitali hija wkoll faċilitatur ewlieni tal-Patt Ekoloġiku. L-Istrateġija Industrijali, l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-Kompetittività Sostenibbli, il-Ġustizzja Soċjali u r-Reżiljenza, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni l-ġdida, huma strateġiji li se jiggwidaw l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji diġitali kif ukoll l-adozzjoni ta' ħiliet diġitali fl-UE. L-Ewropa trid tiffoka wkoll fuq it-tisħiħ tal-mudell tal-awtonomija strateġika miftuħa, is-sigurtà ekonomika u l-potenzjal għall-ħolqien tal-impjiegi tagħha.

Il-pandemija tal-COVID-19 uriet l-importanza tal-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni biex malajr jinstabu soluzzjonijiet għall-ħtiġijiet l-aktar impenjattivi. Il-pjan ta' azzjoni ERAvsCorona<sup>15</sup> u l-Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi<sup>16</sup> huma eżempji ta' reazzjonijiet konġunti rapidi għal kriżijiet bħal dawn.

Għalkemm l-UE għadha mexxejja globali fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-prestazzjoni tagħha ilha staġnata mill-2012, u atturi ewlenin, b'mod partikolari mill-Asja, qegħdin jikbru gradwalment u jokkupaw pożizzjoni aktar prominenti fil-qasam globali tar-riċerka u l-innovazzjoni u tat-teknoloġija. Filwaqt li r-riċerka u l-innovazzjoni huma l-mutur tat-tkabbir tal-produttività fit-tul<sup>17</sup>, l-Ewropa għadha lura fit-tibdil tar-risultati tar-riċerka eċċellenti tagħha f'innovazzjoni fixkiela u tonqos milli timmobilizza bis-sħiħ il-kapaċitajiet tar-riċerka u t-teknoloġija f'reġjuni inqas żviluppati. F'dan il-kuntest ġdid ta' kompetizzjoni globali li qed tikber u interessi ġeopolitiċi volatili, dak li huwa fir-riskju mhuwiex biss il-prosperità u l-kompetittività ekonomika tal-Ewropa, iżda wkoll il-kapaċità tagħha li b'mod awtonomu takkwista u tipprovdi materja prima, teknoloġiji u servizzi kruċjali li huma bla periklu u siguri għall-industrija u għan-nies.

Il-valuri komuni tal-Ewropa tad-demokrazija, is-solidarjetà u l-ugwaljanza huma assi li wieħed jista' jibni fuqhom. Sabiex dawn l-isfidi ġenerazzjonali jiġu indirizzati, huwa meħtieġ livell ġdid ta' ambizzjoni li jorbot aħjar ir-riċerka u l-innovazzjoni mal-ekonomija, kif ukoll mal-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex l-għarfien xjentifiku tal-UE jkun jista' jaħdem.

---

<sup>13</sup> Inklużi s-sistemi fotovoltajċi, il-batteriji, l-idroġenu rinnovabbli, l-enerġija mir-riħ u mill-oċeani, il-grilja u l-komponenti elettroniċi

<sup>14</sup> COM(2020)564.

<sup>15</sup> [https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/strategy/era\\_en#eravscorona-action-plan](https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/strategy/era_en#eravscorona-action-plan)

<sup>16</sup> [https://global-response.europa.eu/index\\_en](https://global-response.europa.eu/index_en)

<sup>17</sup> Żewġ terzi tat-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa mill-2010 sal-2016 jistgħu jiġu traċċati lura għar-riċerka u l-innovazzjoni definiti f'sens wiesa' (SRIP 2020, p. 101)

Minħabba li hija ankrata fil-prinċipju ta' eċċellenza<sup>18</sup> u minħabba l-kapaċità tagħha li tlaqqa' flimkien il-livell nazzjonali u Ewropew tal-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni, iż-ŻER għandha rwol ewlieni fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi. Abbażi tat-tagħlimiet mill-kriżi tal-COVID-19, iż-ŻER jeħtieġ li tissaħħaħ u l-Istati Membri jeħtieġ li jiġu iċċentivati biex isaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali u biex japprofondixxu l-kooperazzjoni fil-livell Ewropew.

Biex trawwem tmexxija globali, iż-ŻER teħtieġ ukoll li tinċentiva aħjar lir-riċerkaturi u lill-innovaturi ta' kwalità għolja tagħha biex jaħdmu flimkien u jsiru ċentru ta' attrazzjoni għall-aqwa talenti tad-dinja.

Se jkun meħtieġ li l-UE tagħmel il-parti tagħha: tiffaċilita l-aċċess rapidu u faċli għall-finanzjament għall-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tad-*data*, tiżviluppa oqfsa ta' karrieri attraenti għar-riċerkaturi li jiġu mgħammra bil-ħiliet li jeħtieġu f'dinja globali li qed tinbidel b'rata mgħaġġla u tappoġġa l-aktar infrastrutturi moderni tar-riċerka.

B'mod parallel, se jkun hemm bżonn ta' ŻER ġdida biex tagħti spinta lill-irkupru tal-Ewropa u biex tappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tagħha billi tappoġġa l-kompetittività bbażata fuq l-innovazzjoni u trawwem is-sovranià teknoloġika f'oqsma strateġiċi ewlenin (eż. L-intelliġenza Artifiċjali u d-*data*, il-mikroelettronika, il-computing kwantistiku, il-5G, il-batteriji, l-enerġija rinnovabbli, l-idroġenu, il-mobbiltà intelliġenti u mingħajr emissjonijiet, eċċ.) f'konformità mal-mudell ta' awtonomija strateġika miftuħa.

Il-baġit fit-tul tal-UE għall-2021-2027, il-pjan ta' rkupru fuq skala kbira "Next Generation EU", se jstabbilixxi l-pedamenti ta' Ewropa moderna u aktar sostenibbli, filwaqt li jippromwovi rkupru inklużiv u ġustizzja soċjali. Il-Faċilità għall-Irkupru u għar-Reżiljenza, il-Politika ta' Koeżjoni, kif ukoll l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, se jikkontribwixxu għal aktar koordinazzjoni li tteġġegħ lill-Istati Membri jinvestu f'teknoloġiji ġodda u f'għadd ta' oqsma ewlenin<sup>19</sup>.

Din il-Komunikazzjoni tafferma mill-ġdid l-impenn lejn iż-ŻER u tipproponi approċċ ġdid sabiex titħaffef it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-Ewropa, tissaħħaħ ir-reżiljenza u t-ttejjija tal-Ewropa biex tiffaċċja kriżijiet futuri, u jiġi appoġġat il-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa fit-tellieqa globali għall-għarfien.

## **2. IL-VIŻJONI: ŻONA EWROPEA TAR-RIĊERKA AKTAR B'SAĦĦITHA GĦALL-FUTUR**

L-Istati Membri huma heqana li jinvolve ruħhom f'inizjattivi fil-livell tal-UE meta jkunu pprovduti b'għodod u iċċentivi li jkunu faċli biex jintużaw u li jkunu aċċessibbli biex jaġixxu b'mod konġunt jew koordinat. Dan jinkludi, b'mod partikolari, l-istabbiliment ta' punti ta' riferiment tal-progress, linji gwida u skambju ta' prattiki tajbin, programmar konġunt ta' programmi nazzjonali u finanzjament tal-UE.

L-Istati Membri tennew bil-qawwa l-ħtieġa ta' aġenda mġedda taż-ŻER<sup>20</sup>. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni organizza serje ta' diskussjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati permezz ta' "mawra tal-bliet kapitali" dedikata taż-ŻER li tistieden feedback u kontribut dwar il-futur taż-ŻER.

<sup>18</sup> F'dan il-kuntest, l-eċċellenza tfisser l-impenn li jiġu appoġġati l-aqwa timijiet u proġetti ta' riċerka possibbli, irrispettivament minn kwalunkwe konsiderazzjoni.

<sup>19</sup> <https://www.consilium.europa.eu/media/45109/210720-euco-final-conclusions-en.pdf>

<sup>20</sup> KŻER 1201/20 tat-23 ta' Jannar 2020; Laqgħa Ministerjali Informali ta' Riċerka tal-Kompetittività (Riċerka) ta' Lulju 2020

Sabiex jiżdiedu l-eċċellenza u l-effiċjenza tas-sistema Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-elementi tradizzjonali kollha tas-“suq uniku” taż-ŻER (il-bini tal-massa kritika, il-mobbiltà, ix-xjenza miftuħa, eċċ.) jibqgħu rilevanti ħafna, iżda l-implimentazzjoni teħtieġ li tipprogressa b'mod aktar ambizzjuż. L-ewwel element ta' kunċett ġdid għaż-ŻER għalhekk se jikkonsisti fl-appfondiment tal-prijoritajiet u l-inizjattivi eżistenti, fejn possibbli permezz ta' approċċi ġodda u aktar b'saħħithom.

Fl-istess ħin, l-isfidi u l-opportunitajiet li ġejjin jeħtieġu viżjoni usa' għaż-ŻER. It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-irkupru jirrikjedu kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li tmur lil hinn mill-filosofija tradizzjonali tas-suq uniku. Dawn jeħtieġu l-istabbiliment ta' prijoritajiet ġodda biex jorjentaw aħjar il-finanzjament, it-tneġġja ta' inizjattivi konġunti ambizzjużi u l-iżvilupp ta' approċċi komuni bejn il-politiki.

Sabiex jiġi żgurat li ŻER ġdida tkun adattata għall-isfidi li ġejjin, il-Kummissjoni tippromwvi viżjoni ġdida bbażata fuq l-oġġettivi strateġiċi li ġejjin, li jistgħu jintlaħqu biss bi sħubija mal-Istati Membri. Ir-raba' oġġettiv jikkonsisti fl-appfondiment taż-ŻER fil-prijoritajiet eżistenti, filwaqt li t-tliet oġġettivi l-oħra se jwessgħu ż-ŻER lejn prijoritajiet ġodda:

- i. **Prijoritizzazzjoni ta' investimenti u riformi:** biex titħaffef it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali u biex tiżdied il-kompetittività kif ukoll il-veloċità u l-profondità tal-irkupru. Dan jeħtieġ analiżi u evidenza aħjar u jinkludi s-simplifikazzjoni u l-faċilitazzjoni tar-relazzjoni bejn is-sistemi ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali u Ewropej. Il-prinċipju tal-eċċellenza, li jfisser li l-aqwa riċerkaturi bl-aħjar ideat jiksbu finanzjament, jibqa' l-pedament għall-investimenti kollha taħt iż-ŻER.
- ii. **Titjib tal-aċċess għall-eċċellenza:** lejn aktar eċċellenza u sistemi aktar b'saħħithom ta' riċerka u innovazzjoni madwar l-UE kollha fejn l-aħjar Prattika tinxtered b'mod aktar mgħaġġel madwar l-Ewropa. L-Istati Membri li huma lesti li jżidu l-prestazzjoni tas-sistema tagħhom tar-riċerka u l-innovazzjoni lejn l-eċċellenza jenħtieġ li jiġu mħeġġa u appoġġati, filwaqt li jibnu fuq miżuri dedikati ta' Orizzont Ewropa u l-komplementarjetajiet ma' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti taħt il-Politika ta' Koeżjoni.
- iii. **It-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-ekonomija:** Il-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li jkollhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomija u s-soċjetajiet tagħna. Dan ifisser li tiġi żgurata t-tmexxija kompetittiva tal-Ewropa fit-tellieqa globali għat-teknoloġija filwaqt li jittejjeb l-ambjent għall-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni fin-negozju, l-użu ta' teknoloġiji ġodda u t-titjib tal-użu u l-viżibbiltà tar-riżultati tar-riċerka fl-ekonomija u s-soċjetà kollha kemm hi.
- iv. **ŻER aktar profonda:** biex isir aktar progress fiċ-ċirkolazzjoni libera tal-għarfien f'sistema mtejjba, effiċjenti u effettiva tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari billi wieħed jimxi minn approċċ ta' koordinazzjoni lejn integrazzjoni aktar profonda bejn il-politiki nazzjonali. Iż-ŻER se tkompli tippromwvi kundizzjonijiet ta' qafas adegwati u inklużività, tgħin fl-iżvilupp tal-ħiliet li r-riċerkaturi jeħtieġu għal xjenza eċċellenti, u tgħaqqad l-atturi kollha madwar l-Ewropa, inkluż fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol.

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi, il-Kummissjoni tippromwvi sett ta' azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati skont *Pjan Direzzjonali taż-ŻER* (ara l-appendiċi).

Bi tweġiba għall-*Opinjoni tal-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni* (KŻER) ta' Diċembru 2019<sup>21</sup>, il-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri jsaħħu l-impenn tagħhom għal politiki u prinċipji kondiviżi, bis-saħħa tal-20 sena taż-ŻER, billi jadottaw *Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa*.

Bil-Patt, il-proċess ta' governanza jenħtieġ li jsir aktar effettiv u jħalli impatt bi djalogu politiku regolari mal-Istati Membri li jindirizza l-prijoritajiet, l-istrateġiji ta' implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-progress lejn it-twertiq tal-oġġettivi stabbiliti.

## **2.1 Il-prijoritizzazzjoni tal-investimenti u r-riformi**

### L-iffaċilitar tal-investimenti u r-riformi tal-UE u dawk nazzjonali lejn il-prijoritajiet tal-UE

L-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u l-ħtieġa li nimxu lejn ekonomija aktar kompetittiva u sostenibbli jeħtieġu allinjament aħjar tal-investimenti u r-riformi tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell nazzjonali u tal-UE biex titħaffef it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tas-soċjetà u l-ekonomija tal-Ewropa. Dan se jgħin biex jintlaħqu l-oqsma prijoritarji tal-UE bħat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa, id-dekarbonizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-industrija, il-mobbiltà intelliġenti u sostenibbli u l-ekonomija ċirkolari.

L-appoġġ finanzjarju għall-kostruzzjoni taż-ŻER permezz tal-Programmi Qafas tal-UE evolva tul iż-żmien<sup>22</sup>. Il-programm Orizzont Ewropa jipprevedi li dawn l-isforzi jiżiedu permezz ta' investimenti sodi u bilanċjati fir-riċerka u l-innovazzjoni. Dan jappoġġa lir-riċerkaturi, lill-industrija u liċ-ċittadini fiċ-ċiklu kollu tar-riċerka u l-innovazzjoni. L-ewwel pilastru tal-programm jappoġġa lir-riċerkaturi biex iwettqu riċerka fundamentali. It-tieni pilastru jiffoka fuq il-kollaborazzjoni bejn l-UE, l-industrija u xi drabi l-Istati Membri biex iwasslu riċerka u innovazzjoni li għandhom impatt prattiku f'oqsma ewlenin ta' politika mis-saħħa, l-aċċessibilità, il-kompetittività diġitali, industrijali, sal-klima, l-enerġija, il-mobbiltà, ir-riżorsi naturali u s-sistemi tal-ikel. Essenzjali għal dan huma aġendi strateġiċi konġunti mal-Istati Membri u l-industrija permezz ta' sett simplifikat ta' "Sħubijiet tar-Riċerka u l-Innovazzjoni". Orizzont Ewropa jipproponi wkoll forum ta' kollaborazzjoni ġodda, bħall-"Missjonijiet futuri tar-Riċerka u l-Innovazzjoni"<sup>23</sup>, li jinvolve liċ-ċittadini fi proġetti wiesgħa, bħall-plastik fl-oċeani jew il-ġlieda kontra l-kanċer. Fl-aħħar nett, it-tielet pilastru jiffoka fuq l-innovazzjoni rivoluzzjonarja u l-innovazzjoni li toħloq is-suq. Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) immexxija mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) se jappoġġaw innovazzjonijiet li jittrasformaw il-qagħda attwali minn negozji ġodda u SMEs tal-UE, inkluż li jipprovdu fokus reġjonali. Il-Programm Orizzont Ewropa għandu l-għan li jkun ambizzjuż f'dak li għandu x'jaqsam mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-Kummissjoni pproponiet li Orizzont Ewropa jinkludi mira ta' finanzjament ta' 35 % għat-tibdil fil-klima, u li jkun hemm żieda sostanzjali fl-investment fit-teknoloġiji diġitali ewlenin. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw li jirreplikaw din l-ambizzjoni għall-investment ekoloġiku u diġitali fil-programmi nazzjonali tagħhom.

<sup>21</sup> Opinjoni tal-KŻER, Dokument tal-Kunsill 14989/18 tat-30 ta' Novembru 2018, paġna 6. Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, p. 93, għall-mandat tal-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

<sup>22</sup> Orizzont 2020 introduċa 7 Sfidi tas-Soċjetà u Oqsma ta' Fokus li jolqtu l-isfidi tas-soċjetà b'mod trasversali (jiġifieri l-ekonomija ċirkolari jew id-diġitalizzazzjoni). Qed jiġu ttestjati wkoll elementi oħra bħall-esperimentazzjoni tal-politika.

<sup>23</sup> Il-missjonijiet huma novità taħt Orizzont Ewropa li għandhom l-għan li jindirizzaw sfidi kumplessi permezz ta' approċċ inklużiv u deliberattiv.

Madankollu, Orizzont Ewropa u programmi rilevanti oħrajn taħt il-baġit tal-UE biss, bħall-Politika ta' Koeżjoni jew Next Generation EU, ma jkunux biżżejjed biex jiffinanzjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Sabiex ikun hemm bidla tassew pożittiva, dan irid jiġi kkomplementat minn investimenti mill-Istati Membri. Dawn l-isforzi flimkien jenħtieġ li jinvolvu investiment privat sinifikanti biex jiżguraw is-sjieda u l-kwalità tar-riżultati.

Mill-2002 'l hawn, il-mira ta' investiment ta' 3 % fir-riċerka u l-iżvilupp xi drabi pprovdiet effett stimolanti biex jiżdiedu l-investimenti fl-UE u fl-Istati Membri, iżda mhux biżżejjed biex tintlaħaq din il-mira. In-nefqa tan-negozju għadha lura meta mqabbla mal-kompetituri ewlenin tal-UE u l-investiment pubbliku ilu staġnat mill-2012 u saħansitra naqas f'xi pajjiżi. Dan għandu impatt fuq il-kapaċità tal-UE li tlaħħaq mal-pass mgħaġġel tal-innovazzjoni fil-livell globali. B'valur attwali ta' 0,81 % tal-PDG, l-isforz pubbliku tal-UE biex tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp għadu baxx wisq. Il-pandemija aċċellerat it-tranżizzjoni doppja. Għalhekk, il-livell ta' investiment irid jiżdied biex ilaħħaq mal-pass il-ġdid. L-Istati Membri jenħtieġ li jimpenjaw ruħhom biex iżidu l-isforzi pubbliċi tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp minn 0,81 % għal 1,25 % tal-PDG. Din iż-żieda hija proporzjonata mal-ilħuq tal-għan ta' 3 % u ż-żamma ta' livell għoli ta' ambizzjoni biex jinkisbu l-irkupru u t-tranżizzjoni doppja. Attwalment, sehem żgħir biss tad-dħul jintefaq mis-settur privat fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni fis-setturi fejn hemm bżonn li teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jiġu applikati fuq skala kbira<sup>24</sup>. Is-settur privat jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ iżid l-investiment tiegħu fir-riċerka u l-iżvilupp. Barra minn hekk, l-infiq annwali attwali fuq programmi konġunti ta' riċerka u żvilupp bejn l-Istati Membri jikkostitwixxi madwar 1 % tal-finanzjament pubbliku totali tar-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa. Mira ta' 5 % tista' tgħin lill-Istati Membri jiffokaw u jallinjaw l-isforzi nazzjonali pubbliċi tar-riċerka u l-iżvilupp, anki mal-Missjonijiet u s-Sħubijiet ta' Orizzont Ewropa. Bl-istess mod, se jkunu meħtieġa riformi nazzjonali biex jissaħħu s-sistemi nazzjonali u reġjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 u l-2020 tas-Semestru Ewropew<sup>25</sup> u l-valutazzjonijiet tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għal sforz bħal dan billi tħeġġeġ lill-Istati Membri jwettqu riformi u investimenti f'teknoloġiji ġodda u f'għadd ta' inizjattivi ewlenin Ewropej, bħat-tiżiħ ta' teknoloġiji nodfa li jibqgħu validi fil-futur jew it-tiżiħ tal-kapaċitajiet cloud tad-*data* industrijali Ewropea u l-iżvilupp tal-aktar proċessuri b'saħħithom, avvanzati u sostenibbli<sup>26</sup>. Investimenti possibbli jinkludu t-trawwim ta' proġetti kooperattivi transfruntiera jew proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew<sup>27</sup>. Il-koordinazzjoni tal-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-isforzi għar-riforma jenħtieġ li jseħħu:

- L-ewwel nett, billi jiġu stabbiliti miri ta' finanzjament, b'mod partikolari għall-appoġġ tat-tranżizzjoni doppja u l-prijoritajiet ta' rkupru, li jista' jkollhom effett ta' mobilizzazzjoni fuq il-baġits nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni u jinfluwenzaw l-investiment privat fir-riċerka u l-innovazzjoni.

<sup>24</sup> JRC SETIS <https://setis.ec.europa.eu/publications/setis-research-innovation-data>

<sup>25</sup> Fl-2019 l-Istati Membri kollha tal-UE rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż li kienet titlob investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni

<sup>26</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP\\_20\\_1658](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_1658)

<sup>27</sup> Ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, il-gwida tal-Kummissjoni lill-Istati Membri, il-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza, COM (2020) 205; taqsima 17.09.2020.



- It-tieni, permezz ta' programmazzjoni konġunta ma' oqsma prijoritarji għal azzjoni u baġits ambizzjużi biex tiġi ffaċilitata l-massa kritika meħtieġa foqsma ewlenin li jappoġġaw it-tranżizzjoni doppja. Enfasi qawwija fuq l-użu ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda fl-ekonomija u l-amministrazzjoni pubblika kollha se tkun essenzjali biex jiżied l-impatt tan-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Politika ta' Koeżjoni, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Politika Agrikola Komuni, l-Ewropa Diġitali u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se jkollhom rwol essenzjali fit-twettiq ta' tranżizzjoni fil-prattika.
- It-tielet, permezz tal-involvement fil-Missjonijiet u s-Šhubijiet ta' Orizzont Ewropa biex jappoġġaw l-allinjament tal-istrateġiji nazzjonali u l-investimenti industrijali u kummerċjali lejn objettivi komuni tal-UE. Barra minn hekk, is-šhubijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-partijiet ikkonċernati industrijali, bħall-Impriżi Konġunti dwar l-Idroġenu jew dwar il-Mikroelektronika, saru għodda stabbilita sew tal-Programmi ta' Qafas<sup>28</sup> biex jinġabru flimkien ir-riżorsi lejn objettivi komuni.

Biex twettaq it-tranżizzjoni doppja, il-Kummissjoni hija lesta li tappoġġa lill-Istati Membri fil-prijoritizzazzjoni tal-finanzjament nazzjonali bejn il-pajjiżi u mal-UE. Il-*Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni* huwa forum immexxi mill-Kummissjoni għad-diskussjoni mal-Istati Membri dwar l-erba' prijoritajiet taż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-ġdida. Dan għandu jgħin biex il-proċess il-ġdid taż-Żona Ewropea tar-Riċerka jiġi ffukat billi ssir ħidma mal-Istati Membri biex jitħejja l-angolu tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru, biex jiġi mmassimizzat il-benefiċċju mill-fondi ta' koeżjoni, billi tiġi implimentata l-istrateġija industrijali permezz tax-xogħol fuq l-ekosistemi industrijali u billi jiġu diskussi inizjattivi regolatorji u mhux regolatorji biex jinholq qafas favorevoli għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-UE. Dan se jikkomplementa l-proċess ta' Programmazzjoni Strateġika ta' Orizzont Ewropa u joffri pjattaforma għall-iżvilupp ta' politika konġunta ambizzjuża u azzjonijiet ta' finanzjament f'oqsma strateġiċi u l-allinjament tagħhom ma' politiki oħra. Il-forum jindirizza wkoll kwistjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali, billi jgħaqqad flimkien il-Kummissjoni u l-korpi tal-Istati Membri responsabbli għall-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni – inklużi l-awtoritajiet li jmexxu l-politika ta' koeżjoni – biex jiżguraw sinerġiji fis-sorsi kollha rilevanti ta' finanzjament.

#### Il-Kummissjoni:

1. Tipproponi li l-Istati Membri jafferaw mill-ġdid il-mira ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp ta' 3 % tal-PDG tal-UE u jaġġornawha biex tirrifletti prijoritajiet ġodda tal-UE, inkluża mira tal-isforz pubbliku ġdida ta' 1,25 % tal-PDG tal-UE li għandha tintlaħaq mill-Istati Membri sal-2030 b'mod ikkoordinat mill-UE, biex jiġu ingranati u iċċentivati l-investimenti privati.
2. Appoġġ lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-finanzjament u r-riformi nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni bejn il-pajjiżi u mal-UE permezz tad-djalogu u Forum taż-ŻER dedikat għat-Tranżizzjoni. Dan se jiffoka l-isforzi komuni tal-Istati Membri, biex, sal-2030, jimpenjaw b'mod volontarju 5 % tal-finanzjament pubbliku nazzjonali għar-riċerka u l-iżvilupp għal programmi konġunti u šhubijiet Ewropej<sup>29</sup>.

<sup>28</sup> [https://ec.europa.eu/info/horizon-europe-next-research-and-innovation-framework-programme/european-partnerships-horizon-europe\\_en](https://ec.europa.eu/info/horizon-europe-next-research-and-innovation-framework-programme/european-partnerships-horizon-europe_en)

<sup>29</sup> L-investiment annwali medju attwali fil-perjodu 2015-2018 kien ta' madwar EUR 800 miljun (*data* tal-ERA-LEARN) jew ftit inqas minn 1 % tal-finanzjament pubbliku totali għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-UE

## **2.2 It-titjib tal-aċċess għall-eċċellenza**

### **Navvanzaw l-Ewropa flimkien**

L-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-Istati Membri għadu mhux uniformi b' differenzi importanti, minn 0,5 % għal 3,3 % tal-PDG u kkonċentrat fil-partijiet tat-Tramuntana u tal-Punent tal-UE. Dawn id-differenzi fl-investiment jirriżultaw f' diskrepanzi fl-eċċellenza xjentifika u fil-produzzjoni tal-innovazzjoni. Pereżempju, l-indikaturi għall-kwalità tax-xjenza (pubblikazzjonijiet xjentifiċi kkwotati fl-oġġla livell) juru wkoll distakk persistenti<sup>30</sup>.

L-Istati Membri li għandhom inqas riżultati fir-riċerka u l-innovazzjoni<sup>31</sup> rnexxielhom javvanzaw iżda l-biċċa l-kbira ta' dawn il-pajjiżi għadhom jaħdmu sew taħt il-medja tal-UE<sup>32</sup>. Kważi l-Istati Membri kollha tal-Ewropa tal-Lvant irnexxielhom iżidu n-nefqa tagħhom fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li għadd ta' pajjiżi tan-Nofsinhar jidhru li qed jaqgħu lura<sup>33</sup>. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri huma involuti fit-titjib tas-sistemi nazzjonali tagħhom tar-riċerka u l-innovazzjoni biex isaħħu l-bażi xjentifika tagħhom, inkluż billi jstimulaw interazzjonijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat, u billi jibnu settur privat innovattiv.

L-UE diġà tappoġġa lill-Istati Membri li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tagħhom ta' riċerka u innovazzjoni permezz ta' miżuri differenti. Il-*Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika ta' Orizzont*<sup>34</sup> u l-*Istrument ta' Appoġġ Tekniku*<sup>35</sup> futur jipprovdu lil dawn l-Istati Membri b'konsulenza esperta u varjetà ta' Prattiki tajbin biex jiżviluppaw u jimplementaw riformi, kif ukoll appoġġ imfassal apposta fil-prattika.

Il-konċentrazzjoni għolja tal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa u l-effetti ta' agglomerazzjoni jimplikaw li hemm reġjuni b'aktar inċentivi għall-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni. Żieda fil-konċentrazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi u innovattivi fil-bliet kapitali u ż-żoni metropolitani, minn naħa waħda, u t-tnaqqis fiż-żoni industrijali jew periferali min-naħa l-oħra jwasslu għal żviluppi negattivi f'reġjuni b'kapaċità baxxa li jisfruttaw l-innovazzjoni.

Orizzont Ewropa se jappoġġa lill-Istati Membri li għandhom prestazzjoni inqas tajba, permezz tal-pakkett "*It-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tisħiħ taż-ŻER*", biex jivvalorizzaw u jikkonnettjaw l-ekosistemi eżistenti. Se jappoġġa kollaborazzjonijiet ma' kontropartijiet b'aktar esperjenza sabiex itejjeb l-aċċess għall-eċċellenza. Il-programm ta' Żieda fil-parteċipazzjoni se jkompli jopera f'sinerġija mal-Politika ta' Koeżjoni. Użu intelliġenti u koerenti tal-appoġġ tal-Politika ta' Koeżjoni jenħtieġ li jikkomplementa l-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE u daww nazzjonali fl-aġġornament tal-infrastrutturi tal-għarfien, il-bini tal-kapaċità u l-induzzjoni ta' trasformazzjonijiet strutturali, abbażi ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti mfassla tajjeb. Strumenti oħra tal-UE, kif ukoll investimenti permezz tal-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza* jenħtieġ ukoll li jappoġġaw riformi fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni.

<sup>30</sup> Rapport tal-SRIP [https://ec.europa.eu/info/publications/science-research-and-innovation-performance-eu-2020\\_en](https://ec.europa.eu/info/publications/science-research-and-innovation-performance-eu-2020_en) (pp. 368 u 369).

<sup>31</sup> [https://ec.europa.eu/growth/industry/policy/innovation/scoreboards\\_en](https://ec.europa.eu/growth/industry/policy/innovation/scoreboards_en)

<sup>32</sup> Ara wkoll [https://www.eib.org/attachments/efs/innovation\\_investment\\_in\\_cesee\\_en.pdf](https://www.eib.org/attachments/efs/innovation_investment_in_cesee_en.pdf)

<sup>33</sup> Il-Prestazzjoni tax-Xjenza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE 2020, DG Riċerka u Innovazzjoni

<sup>34</sup> <https://rio.jrc.ec.europa.eu/policy-support-facility>

<sup>35</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2020:0409:FIN>

Il-Kummissjoni se tistimula r-riforma tal-politika permezz ta' djalogu regolari u interazzjoni aktar b'saħħitha mal-Istati Membri. Se jiġi offrut ukoll appoġġ strateġiku u koordinat lir-reġjuni u l-bliet li jibnu fuq inizjattivi ta' suċċess bħall-*Pjattaforma għall-Iskambju tal-Għarfien*<sup>36</sup> (flimkien mal-Kumitat tar-Reġjuni) u l-inizjattiva Ix-Xjenza tiltaqa' mar-Reġjuni. Dawn se jiġu aġġornati għal livell strateġiku li jiżgura djalogu effettiv biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet u biex jiġu promossi sinerġiji bejn l-istrumenti tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-edukazzjoni u t-taħriġ b' mobilizzazzjoni adegwata tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni.

Il-Kummissjoni:

3. Tipproponi li l-Istati Membri li għadhom lura meta mqabbla mal-medja tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp tal-UE fuq il-PDG jidderieġu l-isforzi ta' investiment tagħhom biex iżidu l-investiment totali tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp b'50 % fil-5 snin li ġejjin. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri biex jirrifurmaw il-politiki tagħhom dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż billi timmira l-assistenza teknika għal dan il-għan. Se tiffaċilita l-koordinazzjoni u l-komplementarjetà tal-programmi nazzjonali u tal-UE, u se tikkontribwixxi għall-użu tal-pakkett ta' rkupru.

#### It-trawwim tat-talent għall-eċċellenza

L-attirar u ż-żamma ta' riċerkaturi b'talent jibqgħu kruċjali għat-tixrid tal-għarfien madwar l-UE. B'mod ġenerali, il-pajjiżi bi prestazzjoni għolja fir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom influż akbar ta' riċerkaturi. Huwa essenzjali li jiġi żgurati li r-riċerkaturi kollha fl-UE, irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom, ikunu jistgħu jipproduċu u jkollhom aċċess għal riżultati eċċellenti.

L-inizjattiva *ERA4You* se titnieda biex tiġi approfondita ż-Żona Ewropea tar-Riċerka billi jissaħħu l-opportunitajiet ta' mobbiltà għar-riċerkaturi biex ikollhom aċċess għall-eċċellenza u jespandu l-esperjenza tagħhom permezz ta' skemi ta' mobbiltà dedikati bejn l-industrija u s-settur akkademiku. Din se tinkludi miżuri ta' mobbiltà mmirati biex jappoġġaw riċerkaturi fl-Istati Membri bi prestazzjoni baxxa fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jitgħallmu u jiżviluppaw l-eċċellenza, sabiex iwessgħu l-kapaċità ta' talent.

L-inizjattiva se timmonitorja l-indikaturi tal-aċċess għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet biex ittejjeb il-fehim tal-ostakoli u tappoġġa l-miżuri ta' politika rilevanti. Se trawwem ukoll kollaborazzjoni strutturata bejn is-settur akkademiku u n-negozji, u bejn id-dixxiplini u l-fruntieri, filwaqt li tqis is-suq intern. Il-kundizzjonijiet abilitanti tal-qafas għal din l-inizjattiva se jiġu kkomplementati f'kuntest usa' minn miżuri proposti taħt l-azzjoni dwar il-Qafas Ewropew għall-Karrieri fir-Riċerka (ara t-taqsim 2.4 hawn taħt).

<sup>36</sup> <https://cor.europa.eu/en/our-work/Documents/SEDEC/KEP-action-plan-2019-en.pdf>

Il-Kummissjoni tipproponi li:

4. Tistitwixxi fluss ta' ħidma ddedikat fil-Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni (i) biex tippromwovi u tissorvelja l-aċċess għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet minn Pajjiżi li fihom trid tiżdied il-Parteċipazzjoni, bl-appoġġ tal-Politika ta' Koeżjoni, (ii) biex tappoġġa lill-Istati Membri biex jintegraw aħjar ir-riċerkaturi fl-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti f'kooperazzjoni mal-industrija, u (iii) tgħinhom ifasslu miżuri biex jappoġġaw lir-riċerkaturi fil-Pajjiżi li fihom trid tiżdied il-parteċipazzjoni biex itejbu l-ħiliet tagħhom għall-eċċellenza fis-suq tax-xogħol. Dan għandu jappoġġa pajjiżi bi prestazzjoni baxxa fir-riċerka u l-innovazzjoni biex tiżdied l-eċċellenza tas-sistemi tagħhom tar-riċerka u l-innovazzjoni. L-Istati Membri li waqgħu lura meta mqabbla mal-medja tal-UE fuq pubblikazzjonijiet ikkwotati ħafna jenħtieġ li jnaqqsu d-distakk mill-medja tal-UE b'mill-inqas terz fil-5 snin li ġejjin.

### **2.3 It-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-ekonomija**

Il-kompetittività tal-industrija Ewropea

L-UE għadha lura meta mqabbla mal-kompetituri globali ewlenin tagħha fl-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp fin-negozju<sup>37</sup>, b'mod partikolari fis-setturi tat-teknoloġija avvanzata, u f'żieda ta' SMEs innovattivi<sup>38</sup> b'effetti negattivi fuq il-produttività u l-kompetittività. Dan qed iseħħ fi żminijiet meta setturi sħaħ se jgħaddu minn tranżizzjoni doppja u meta t-tmexxija industrijali se tiddependi aktar minn qabel fuq l-imbottar ulterjuri tal-fruntieri tax-xjenza, il-kontroll ta' teknoloġiji profondi, u l-kombinazzjoni ta' innovazzjonijiet diġitali, fiżiċi u bijoloġiċi. Il-ftuħ tal-investment fl-innovazzjoni fin-negozju, fis-servizzi kif ukoll fis-settur pubbliku huwa kruċjali biex din it-tendenza titreġġa' lura, kif ukoll biex tissaħħaħ is-sovranità industrijali u teknoloġika tal-Ewropa.

Jeħtieġ li l-UE tagħmel użu sħiħ mir-riżultati eċċellenti tagħha tar-riċerka u l-innovazzjoni biex tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija tal-UE.

L-Ewropa teħtieġ qafas li jwassal għal investimenti ambizzjużi fit-tul mill-baġit tal-UE, mill-Istati Membri u mis-settur privat. L-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni huma ta' spiss riskjużi u jeħtieġu impenji fit-tul. Dan jista' jkun saħansitra aktar diffiċli biex jiġi żgurat matul iż-żminijiet ta' kriżi. Is-sħubijiet ta' Orizzont Ewropa bejn l-UE u s-settur privat, kif ukoll l-Istati Membri, jipprovdu l-qafas meħtieġ biex jiġi żgurat li t-teħid tar-riskju jiġi indirizzat fejn ikun hemm falliment tas-suq, u biex l-investment privat jiġi ingranat. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, ikkomplementat minn strumenti finanzjarji tal-UE, se jtejjeb l-aċċess għal finanzjament tad-dejn u l-ekwità għal tkabbir għoli, SMEs xprunati mir-riċerka u l-innovazzjoni, negozji ġodda, u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja filwaqt li titqies it-tassonomija tal-UE dwar finanzjament sostenibbli<sup>39</sup>. Se jappoġġa aktar intraprenditorija madwar l-Istati Membri, jidentifika t-teknoloġiji tal-ġenerazzjoni li jmiss u jaċċellera l-applikazzjoni kummerċjali tagħhom, u b'hekk isaħħaħ il-preżenza industrijali u teknoloġika Ewropea f'partijiet strateġiċi ta' ktajjen ta' valur ewlenin, u jrawwem għażla teknoloġika u awtonomija strateġika miftuħa. L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-

<sup>37</sup> FI-2018, 1,45 % tal-PDG fl-UE, 2,59 % fil-Ġappun, 2,05 % fl-Istati Uniti u 1,69 % fiċ-Ċina. SRIP 2020

<sup>38</sup> Għal kull (SRIP 2020) - SRIP 2020, [https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/strategy/support-policy-making/support-national-research-and-innovation-policy-making/srip-report\\_en](https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/strategy/support-policy-making/support-national-research-and-innovation-policy-making/srip-report_en)

<sup>39</sup> [https://ec.europa.eu/info/publications/sustainable-finance-teg-taxonomy\\_mt](https://ec.europa.eu/info/publications/sustainable-finance-teg-taxonomy_mt)

Teknoloġija għandu wkoll rwol importanti x'jaqdi. Fejn jeżistu, l-alleanzi industrijali<sup>40</sup> jenħtieġ li jkunu inklużivi biex jikkontribwixxu għad-definizzjoni tal-aġendi tar-riċerka u biex jiżied l-impatt industrijali tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri jistgħu jikkooperaw f'każ ta' falliment tas-suq fi Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI)<sup>41</sup>, biex jiksbu r-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp fl-użu industrijali għall-benefiċċju tan-negozju u s-settur pubbliku.

Biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Industrijali l-għdida u tħaffef it-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka fl-ekonomija reali, il-Kummissjoni se tiggwida l-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali teknoloġiċi komuni mal-industrija biex jinkludu aġendi ta' investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sal-użu. Dawn il-pjanijiet direzzjonali se jippermettu użu effiċjenti tas-sett sħiħ ta' mekkaniżmi ta' appoġġ biex jattiraw l-investimenti privati fi proġetti transfruntiera ewlenin. Dawn il-pjanijiet direzzjonali se jkunu parti mill-Aġendi Strateġiċi ta' Innovazzjoni miftiehma mal-Istati Membri u l-industrija, taħt is-Sħubijiet tar-Riċerka u l-Innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa. L-oqfsa regolatorji favur l-innovazzjoni huma importanti wkoll biex jitrawwem l-iżvilupp ta' teknoloġiji kompetittivi fi ktajjen ta' valur strateġiċi ewlenin filwaqt li tiġi żgurata pożizzjoni Ewropea aktar b'saħħitha.

L-Universitajiet Ewropej u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija (RTO) u l-infrastrutturi tat-Teknoloġija tal-UE, bħala produtturi ta' għarfien ta' kwalità għolja li jirfdu l-innovazzjoni industrijali, se jkunu sħab ewlenin fl-iżvilupp ta' dawn il-pjanijiet direzzjonali.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, se:

5. Tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Industrijali l-Għdida billi tiżviluppa b'mod konġunt pjanijiet direzzjonali komuni għat-teknoloġija industrijali sal-aħħar tal-2022 biex tallinja u tgħaqqad is-sħubijiet ewlenin taħt Orizzont Ewropa mal-ekosistemi industrijali, sabiex jiġi żgurat li l-isforzi jingħaqdu u li r-riżultati tar-riċerka jkunu magħrufa u jiġu stabbiliti aktar malajr fl-ekonomija.

It-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-għarfien

Iċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien u l-ħolqien tal-valur mill-għarfien huma partijiet importanti taż-ŻER. Iċ-Ċentri tar-riċerka u l-innovazzjoni u ċ-Ċentri ta' eċċellenza huma mifruxa madwar l-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE. Dawn jiffaċilitaw l-involviment ta' diversità ta' partijiet ikkonċernati f'kollaborazzjonijiet multidixxiplinarji u transettorjali. Dawn jipprovdu servizz siewi u li għadu fil-biċċa l-kbira nieqes lil negozji ġodda u SMEs innovattivi, li jiffaċċjaw fallimenti jew ostakoli partikolari tas-suq.

Matul is-snin, inħolqu tipi differenti ta' strutturi ta' appoġġ, li jvarjaw minn Ċentri ta' Eċċellenza sa servizzi ta' konsulenza jew ċentri ta' innovazzjoni speċjalizzati. Jista' jkun hemm benefiċċju kbir mit-trawwim ta' interkonnessjoni aktar b'saħħitha bejniethom madwar l-UE.

Abbażi ta' mmappjar ta' entitajiet eżistenti, u l-analiżi ta' lakuni potenzjali, tista' tiġi żviluppata inizjattiva tal-*ERAHubs*, li tibni fuq il-kapaċitajiet eżistenti, bħalma huma ċ-Ċentri u l-clusters tal-Innovazzjoni Diġitali, u li torbot man-Network Enterprise Europe u StartUpEurope, biex tipprovdi spazju ta' għarfien interkonness. Dan jiffaċilita l-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-

<sup>40</sup> Wara l-Alleanza riċenti tal-Batteriji, l-Istrateġija Industrijali tħabbar it-tnedija ta' Alleanza tal-Idroġenu Nadif, segwita minn alleanzi tal-industrija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tad-*data* u l-cloud industrijali, u l-materja prima.

<sup>41</sup> Is-shubija ECSEL, responsabbli mit-tnedija tal-ewwel IPCEI dwar il-Mikroelektronika, uriet it-triq.

aħjar prattiki, bl-inċentiv li jiġi mmassimizzat il-valur tal-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u l-użu tal-għarfien.

Fl-2008, il-Kummissjoni ħarġet *rakkomandazzjoni* dwar il-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali u t-trasferiment tal-għarfien u *kodiċi ta' prattika* għall-universitajiet u organizzazzjonijiet pubbliċi oħra tar-riċerka. Fil-kuntest dinamiku attwali, sabiex jinkiseb impatt aktar b'saħħtu, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, se taġġorna dawn id-dokumenti ta' gwida biex tappoġġa strateġija ta' valorizzazzjoni komuni għar-riċerka u l-innovazzjoni bbażata fuq prattiki tajbin eżistenti, inkluż fir-rigward tal-akkwist pubbliku. Kif imħabbar fl-Istrateġija Industrijali għall-Ewropa ta' Marzu 2020<sup>42</sup>, aktar azzjonijiet biex tittejjeb il-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali mill-komunità tar-riċerka se jiġu pprovduti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Proprietà Intellettuali li jmiss.

In-negozji tal-UE jenħtieġ li jkollhom aċċess għal protezzjoni effettiva u affordabbli tal-proprjetà intellettuali fil-kontinent kollu sabiex l-innovazzjoni tkun tista' tiġi vvalorizzata u ppremjata. F'dan il-kuntest, it-tneđija li ġejja tal-privattiva Unitarja se tkun pass importanti. Billi ttejjem il-frammentazzjoni u l-kumplessità, il-privattiva Unitarja ttipprovi one-stop shop għan-negozji, u tnaqqas l-ispejjeż sa sitt darbiet meta mqabbla mas-sistema eżistenti ta' Stat Membru għal kull Stat Membru (1). Se ttejjeb ukoll it-trasparenza u tiffaċilita l-proċess tal-liċenzjar. Se ttipprevedi wkoll sistema ċentralizzata ta' litigazzjoni, bis-saħħa tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi l-ġdida.

Il-Kummissjoni se:

6. Tiżviluppa u tittestja qafas ta' networking b'appoġġ għall-ekosistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa, billi tibni fuq kapaċitajiet eżistenti, sabiex issaħħaħ l-eċċellenza u timmassimizza l-valur tal-ħolqien, iċ-ċirkolazzjoni u l-użu tal-għarfien sal-2022.
7. Taġġorna u tiżviluppa prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien u kodiċi ta' prattika għall-użu intelliġenti tal-proprjetà intellettuali, sa tmiem l-2022, inkluż l-iffaċilitar tal-implimentazzjoni tal-privattiva unitarja, biex jiġi żgurat l-aċċess għal protezzjoni effettiva u affordabbli tal-proprjetà intellettuali.

## 2.4 **ŻER aktar profonda**

### Qafas Ewropew għall-Karrieri fir-Riċerka<sup>43</sup>

Il-kundizzjonijiet tal-iżvilupp tal-karriera biex jinġibdu u jinżammu l-aħjar riċerkaturi fl-Ewropa huma meħtieġa fit-tellieqa globali għat-talent. L-impjiegi prekarji, b'mod partikolari għal dawk li daħlu ġodda fis-suq, ma tjiġux b'mod adegwat matul l-aħħar snin u dan żied ir-riskju li l-aktar riċerkaturi b'talent jagħżlu li jaħdmu barra mill-Ewropa.

L-iżbilanċi bejn l-għadd ta' gradwati tal-PhD u l-għadd ta' karigi garantiti fis-sistemi tax-xjenza pubblika huma ostakolu għaż-żamma tat-talent. It-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi ma jiffokawx biżżejjed fuq l-intraprenditorija jew l-opportunitajiet barra s-settur akkademiku. Iż-żieda fid-dipendenza fuq finanzjament għar-riċerka b'ħajja qasira u bbażat fuq proġetti, ikkontribwiet ukoll għal dan.

Bħala parti mill-istrumenti eżistenti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, *il-karta u l-kodiċi għar-riċerkaturi* flimkien ma' azzjonijiet li jsaħħu l-mobbiltà, inklużi l-azzjonijiet *Marie Skłodowska Curie*, kellhom rwol fl-appoġġ tal-karrieri tar-riċerkaturi, iżda minħabba l-evoluzzjoni tas-suq tax-xoġhol u l-ekonomija, hemm bżonn ta' approċċ aktar komprensiv –

<sup>42</sup> COM/2020/102 final

<sup>43</sup> Ara t-taqsimu 2.4.3.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.



sett ta' għodod mibnija fuq l-indirizzar tar-rikonoxximent tal-ħiliet tar-riċerkaturi, il-mobbiltà mtejba u l-iskambji bejn is-settur akkademiku u l-industrija, opportunitajiet ta' taħriġ immirati u portal ta' one-stop-shop fejn ir-riċerkaturi jista' jkollhom aċċess għal għadd ta' servizzi ta' appoġġ.

In-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet jikkostitwixxi xejra inkwetanti għall-industrija u n-negozji b'impatt negattiv fuq l-innovazzjoni u l-produttività kemm f'setturi tal-industrija kif ukoll tas-servizzi innovattivi ħafna. L-inċentivar tar-riċerkaturi biex isegwu karriera barra s-settur akkademiku permezz ta' skemi mtejba ta' ċirkolazzjoni intersettorjali li jinvolvu l-industrija jista' jgħin fit-titjib tal-impjegabbiltà tar-riċerkaturi u jagħti spinta lill-permeabilità tat-talenti madwar l-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa.

*Qafas imsaħħaħ ta' kompetenza Ewropea għall-karrieri fir-riċerka* se jappoġġa karrieri fir-riċerka komparabbli u interoperabbli filwaqt li jidentifika sett ta' ħiliet ewlenin u jimmodernizza is-sistemi ta' premjazzjoni. Id-definizzjoni, flimkien mal-Istati Membri, ta' *qafas ta' kompetenza Ewropew* u tassonomija tal-ħiliet tar-riċerkaturi se tippermetti l-monitoraġġ tax-xejriet fil-karrieri, il-ħiliet u t-talent fis-suq tax-xogħol tar-riċerka<sup>44</sup>. Dan jista' jiġi appoġġat minn intelliġenza tal-ħiliet aktar profonda, azzjoni ewlenija ppreżentata fil-Komunikazzjoni dwar Aġenda Ewropea għall-ħiliet għal kompetittività sostenibbli, ġustizzja soċjali u reżiljenza.

L-inizjattiva *ERA4You* se tintroduċi miżuri biex issaħħaħ il-mobbiltà intersettorjali, issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-settur akkademiku u n-negozji u l-involvement tas-settur privat fit-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet tar-riċerkaturi. Dan se jsostni l-permeabilità tat-talenti tar-riċerka u l-innovazzjoni għas-soċjetà u l-ekonomija kollha, u b'hekk jagħti spinta lit-tkabbir u l-impjiegi. Dan se jinkoraġġixxi lir-riċerkaturi lejn l-intraprenditorija u l-ħolqien tan-negozju. L-ERA4You se jkollha pilastru dedikat għall-pajjiżi li fihom trid tiżdied il-parteċipazzjoni biex tappoġġa riċerkaturi minn dawn il-pajjiżi biex jiżviluppaw u jaċċessaw l-eċċellenza.

Is-servizzi, in-network u l-portali tal-EURAXESS se jitwessgħu fi *Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER*, one-stop-shop online, bi struttura u governanza mtejba, li jisfrutta l-konnessjonijiet mal-Europass, il-pjattaforma tal-UE biex in-nies jimmaniġġjaw it-tagħlim u l-karrieri tagħhom u n-network EURES tas-servizzi pubbliċi Ewropej tal-impjiegi<sup>45</sup>.

Fl-implimentazzjoni ta' dan is-sett ta' għodod, il-Kummissjoni se ssegwi sinerġiji ma' inizjattivi ta' mobbiltà u żvilupp tal-karriera taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan il-kuntest, il-fond tal-pensjoni pan-Ewropew għar-riċerkaturi (RESAVER) huwa appoġġ importanti għall-mobbiltà transfruntiera u transsettorjali tar-riċerkaturi.

Il-Kummissjoni se:

8. Tipprovdi, sal-aħħar tal-2024, fi sħubija mal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, sett ta' għodod ta' appoġġ għall-karrieri tar-riċerkaturi bil-komponenti li ġejjin: (i) Qafas ta' Kompetenza tar-Riċerkaturi, (ii) skema ta' mobbiltà biex tappoġġa l-iskambju bejn l-industrija u s-settur akkademiku, (iii) taħriġ immirat taħt Orizzont Ewropa u (iv) portal ta' one-stop shop. Is-sett ta' għodod se jwassal għall-ħolqien ta' riżerva ta' talenti.

Xjenza Miftuħa

<sup>44</sup> COM(2020)274 final tal-1.7.2020

<sup>45</sup> <https://euraxess.ec.europa.eu>; <https://europa.eu/europass/mt>; <https://ec.europa.eu/eures/public/en/homepage>.

Ix-xjenza miftuħa tagħmel is-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni aktar effiċjenti u kreattivi u ssaħħaħ l-eċċellenza u l-fiduċja tas-soċjetà fix-xjenza. Dan għaliex il-ftuħ u l-kondiviżjoni tar-riżultati u d-*data* tar-riċerka, li jagħmluhom riutilizzabbli u riproduċibbli, u l-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka jipprovdu l-bażi għall-iskrutinju mill-pari u għall-kwalità, kif ukoll għal effiċjenza fir-riflessjonijiet, fl-analiżi u fl-innovazzjoni ulterjuri fir-riċerka.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni diġà ħadet passi lejn Xjenza Miftuħa. Qed jinbena l-*Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa* (EOSC) biex isir qafas Ewropew komuni u federat, għall-kondiviżjoni miftuħa tad-*data* tar-riċerka u l-aċċess għas-servizzi. Fit-terminu medju, l-EOSC se jiżviluppa fi spazju ta' *data* ta' riċerka u innovazzjoni affidabbli u pjattaforma ta' servizz fl-Ewropa li hija kompletament artikulata bi spazji ta' *data* settorjali bħall-ispażju komuni Ewropew tad-*data* dwar is-saħħa, u miftuħa u konnessa mas-setturi pubbliċi u privati usa'.

Barra minn hekk, l-Istrateġija Ewropea għad-*Data* rrikonoxxiet l-esperjenza tajba bil-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa u stabbiliet it-triq biex tiġi żviluppata aktar, biex fl-aħħar mill-aħħar tinfetaħ lil hinn mill-komunitajiet tar-riċerka<sup>46</sup> u l-pjattaforma Ewropea ta' *Data* dwar il-COVID-19<sup>47</sup> uriet l-importanza ta' tali approċċi u infrastrutturi miftuħa.

It-tieni, il-politiki għall-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi wkoll għamlu progress rapidu matul l-aħħar għaxar snin, b'mudelli ta' negozju differenti fis-seħħ. L-iżgurar tad-dritt għar-riċerkaturi jew l-istituzzjonijiet tagħhom li jikkondividu r-riżultati tar-riċerka rieżaminata bejn il-pari ffinanzjata pubblikament mingħajr restrizzjonijiet huwa essenzjali biex l-għarfien jiċċirkola liberament. L-aċċess miftuħ immedjat għall-pubblikazzjonijiet iffinanzjati pubblikament għandu l-vantaġġ li jikkondividi r-riżultati tar-riċerka mill-aktar fis possibbli, u jikkontribwixxi għall-effiċjenza tar-riċerka u l-eċċellenza xjentifika mingħajr ma jikkomprometti r-riżami sistematiku mill-pari. Taħt Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni tipproponi li tniedi pjattaforma ta' publikazzjoni ta' Riċerka Miftuħa Ewropa, billi tiżgura li r-riċerka kollha ffinanzjata pubblikament tinġabar fi spazju wieħed tad-*data* Ewropew bla xkiel.

It-tielet, is-sistema attwali ta' valutazzjoni tar-riċerka hija bbażata l-aktar fuq il-fatturi tal-impatt assoċjati ma' ġurnali speċifiċi, fejn issir il-pubblikazzjoni, aktar milli fuq il-kontenut individwali u l-valur miżjud tal-pubblikazzjoni stess.

Jenħtieġ li jsir iktar biex jiġu iċċentivati l-kondiviżjoni tar-riżultati u l-kollaborazzjoni, u biex titħeġġeġ riċerka transdixxiplinarja. It-titjib tas-sistema jeħtieġ il-kollaborazzjoni u l-ftehim mal-Istati Membri, il-finanzjaturi tar-riċerka, l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, il-pubblikaturi xjentifiċi u atturi oħra biex jikkoordinaw u jissinkronizzaw ir-riformi fil-livell istituzzjonali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali.

Il-Kummissjoni se:

9. Tniedi, permezz tal-Programm Orizzont Ewropa, pjattaforma għall-pubblikazzjoni bl-aċċess miftuħ b'riżaminazzjoni bejn il-pari; tanalizza d-drittijiet tal-awturi biex tippermetti l-kondiviżjoni mingħajr restrizzjoni ta' artikli ffinanzjati b'mod pubbliku u rieżaminati bejn il-pari; tiżgura Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa li joffri *data* u servizzi tar-riċerka li jkunu jistgħu jinstabu, ikunu aċċessibbli, interoperabbli u li jistgħu jerġgħu jintużaw (Web ta' FAIR); u tiċċentiva prattiki tax-xjenza miftuħa billi ttejjeb is-sistema ta' valutazzjoni tar-riċerka.

Infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija (inklużi infrastrutturi elettroniċi)

<sup>46</sup> COM(2020)66 tad-19.2.2020

<sup>47</sup> <https://www.covid19dataportal.org/>



L-infrastrutturi tar-riċerka fuq skala kbira huma s-sinsla taż-ŻER u huma kruċjali biex l-Ewropa ssir attraenti għall-aqwa riċerkaturi madwar id-dinja, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-innovazzjoni. L-infrastrutturi tar-riċerka jistgħu jrawmu l-iżvilupp reġjonali billi jikkonċentraw il-ħiliet u t-talent fl-innovazzjoni madwar assi xjentifiċi strateġiċi. L-infrastrutturi elettroniċi, b'mod partikolari s-servizzi ta' konnettività u kollaborazzjoni, se jkollhom rwol fundamentali fl-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tal-infrastrutturi tar-riċerka. Il-konnettività ultraveloċi se ssir element importanti għall-użu ta' mudelli diġitali simili tar-realtà, b'għodod ta' teħid ta' deċiżjonijiet kważi f'ħin reali, imsejsa fuq evidenza xjentifika.

Il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem bi sħubija mill-qrib mal-Istati Membri u l-komunitajiet xjentifiċi fi ħdan il-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) biex tiżviluppa infrastrutturi pan-Ewropej ġodda u n-networking effettiv ta' dawk eżistenti. Dan huwa wieħed mis-suċċessi taż-Żona Ewropea tar-Riċerka attwali, li jwassal għal strutturi mill-aktar avvanzati madwar l-Ewropa u d-dinja, bħas-Sors ta' Spallazzjoni Ewropew<sup>48</sup>, is-Sistema tal-Osservazzjoni tal-Blata Tettonika Ewropea<sup>49</sup> jew l-Istħarriġ Soċjali Ewropew<sup>50</sup>.

Madankollu, l-infrastrutturi tar-riċerka għandhom valur miżjud akbar meta jintużaw kemm għar-riċerka kif ukoll għall-applikazzjonijiet teknoloġiċi. Dan joħroġ il-potenzjal ta' innovazzjoni biex iwettaq il-prijoritajiet usa' tal-politika tal-UE. Dan se jappoġġa lill-industriji u lill-SMEs, b'riżorsi xjentifiċi bbilanċjati u aċċess għar-riċerkaturi madwar l-UE.

Il-White Paper tal-ESFRI<sup>51</sup> li ġiet ippubblikata dan l-aħħar tistabbilixxi viżjoni ġdida f'din id-direzzjoni.

L-infrastrutturi jistgħu wkoll jagħtu kontribut sinifikanti għall-innovazzjoni. F'dak il-kuntest, l-iżvilupp strateġiku tal-infrastrutturi Ewropej tat-teknoloġija ġie identifikat bħala kwistjoni ewlenija<sup>52</sup>. L-industrija, u b'mod partikolari l-SMEs, jeħtieġu aċċess għall-infrastrutturi tat-teknoloġija t-tajba biex jiżviluppaw u jittestjaw malajr l-innovazzjonijiet tagħhom u jidħlu b'suċċess fis-suq. Dan jinvolvi l-istabbiliment ta' struttura ta' governanza għall-Infrastrutturi tat-Teknoloġija, li se tgħaqquad flimkien u tlesti l-immappjar li jeżisti attwalment tal-faċilitajiet disponibbli, tawtaq analiżi tal-lakuni u prijoritizzazzjoni fil-livell tal-UE u telabora rakkomandazzjonijiet għall-kundizzjonijiet ta' aċċess komuni u mudelli ta' involviment.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, se:

10. Tappoġġa l-ESFRI sabiex jaħdem għal ekosistema ta' infrastrutturi tar-riċerka ta' klassi dinjija li tiffoka fuq il-firxa usa' tal-prijoritajiet tal-politika tal-UE u ttejjeb il-governanza tiegħu biex tindirizza l-fokus estiż tal-attività tiegħu sa tmiem l-2021, u tistabbilixxi struttura ta' governanza ġdida għall-Infrastrutturi tat-Teknoloġija.

It-tisħiħ tas-sistema tax-xjenza pubblika permezz ta' sinerġiji maż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni

Is-sistema tax-xjenza pubblika hija parti indispensabbli mill-organizzazzjoni ġenerali tar-riċerka u l-innovazzjoni u pedament ta' eċċellenza għall-prosperità tal-Ewropa. Din tikkonsisti f'universitajiet u organizzazzjonijiet oħra ta' riċerka u teknoloġija ffinanzjati

<sup>48</sup> <https://europeanspallationsource.se/>

<sup>49</sup> <https://www.epos-ip.org/>

<sup>50</sup> <http://www.europeansocialsurvey.org/>

<sup>51</sup> <https://www.esfri.eu/esfri-white-paper>

<sup>52</sup> SWD(2019) 158

pubblikament, li jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq il-libertà akkademika kompletament integrata fil-kultura u l-proċessi xjentifiċi.

Il-libertà tad-diskussjoni hija essenzjali għar-rieżami bejn il-pari u għall-pubblikazzjoni ta' riżultati verifikabbli, li hija prerekwiżit għall-eċċellenza xjentifika. Mingħajr il-libertà akkademika, ix-xjenza ma tistax timxi 'l quddiem u ż-ŻER ma tistax tiffunzjona.

L-aktar ekosistemi dinamiċi u innovattivi fid-dinja għandhom interazzjonijiet qawwija ma' universitajiet tal-ogħla kwalità. Filwaqt li l-Ewropa għandha ħafna universitajiet b'saħħithom, il-potenzjal tagħhom mhux sfruttat bis-sħiħ. Iż-ŻER il-ġdida se ssaħħa id-dimensjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-universitajiet permezz ta' aġenda ta' trasformazzjoni komprensiva li għandha tiġi żviluppata flimkien mal-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri u f'sinerġija maż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (inklużi l-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-servizz tagħhom għall-missjonijiet tas-soċjetà).

Din se tagħti s-setgħa lill-Universitajiet fl-Ewropa biex jiżviluppaw strateġiji komuni tar-riċerka u l-innovazzjoni, u b'hekk tinholq massa kritika biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-Ewropa, tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-kapaċità bħall-infrastrutturi u r-riżorsi diġitali u tal-għarfien permezz ta' kuntesti kollaborattivi. L-għan huwa wkoll li tittejjeb l-attrazzjoni tal-karrieri tar-riċerkaturi, li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mal-atturi tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni assoċjati u li jkun hemm rwol ewlieni fl-involviment taċ-ċittadini fix-xjenza.

L-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, immexxija taħt il-programm Erasmus u appoġġata fid-dimensjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħha minn Orizzont 2020, se tgħin il-proċess ta' trasformazzjoni li joffri qafas aktar fit-tul għall-kooperazzjoni transnazzjonali bejn l-universitajiet, li jippermetti kooperazzjoni u ċirkolazzjoni aktar b'saħħithom mingħajr fruntieri tal-għarfien u t-talenti.

Azzjoni konġunta fuq skala kbira b'appoġġ għall-isforzi ta' trasformazzjoni istituzzjonali tal-universitajiet se tkun ibbażata fuq pjan direzzjonali tal-azzjonijiet tal-UE, nazzjonali u reġjonali għal użu aħjar tas-sinerġiji bejn il-programmi tal-Unjoni inklużi Orizzont Ewropa, Erasmus, FSE+ u FEŻR u investimenti privati fir-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ tal-programm InvestEU.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri permezz tal-korpi ta' tmexxija taż-ŻEE u l-KŻER, se:

11. Tiżviluppa pjan direzzjonali ta' azzjonijiet għall-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-edukazzjoni għolja u r-riċerka, b'mod partikolari billi tibni fuq ir-rwol doppju tal-universitajiet.

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri biex jissaħħa il-potenzjal Ewropew tar-riċerka u l-innovazzjoni

Minkejja l-evidenza li t-timijiet ibbilanċjati jaħdmu aħjar, għad hemm inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa. Azzjoni koordinata mal-politiki tal-edukazzjoni u l-finanzjaturi tar-riċerka se tippromwovi kultura inklużiva fir-rigward tal-ġeneru.

Ir-rapport *She Figures 2018*<sup>53</sup> jippreżenta titjib ġenerali, iżda l-pass għadu bil-mod wisq. Il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-gradwati tal-PhD (48 % nisa) kważi ntlaħaq. Madankollu, in-nisa għadhom sottorappreżentati b'mod sinifikanti: 33,4 % biss tar-riċerkaturi fl-UE huma nisa, is-sehem tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' Grad A fis-settur tal-Edukazzjoni Għolja (professur sħiħ u

<sup>53</sup> [https://ec.europa.eu/info/publications/she-figures-2018\\_en](https://ec.europa.eu/info/publications/she-figures-2018_en)

ekwivalenti) laħaq biss 24 % għall-UE fl-2016 u l-proporzjon tan-nisa li qed imexxu istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa kien biss ta' 22 % fl-2017.

L-għadd ta' nisa fost dawk li għandhom il-privattivi ukoll għadu baxx ħafna u 1,79 % biss tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-UE jintegraw analiżi tal-ġeneru. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti miri ambizzjużi fil-livell tal-UE biex ikun hemm bidla sostenibbli fl-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni u biex titrawwem riżerva ta' talent femminili.

Flimkien mal-Aġenda għall-Ħiliet, il-Komunikazzjoni dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali l-ġdid, iż-ŻER se ssaħħa l-enfasi fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-oqsma tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika (STEM) u trawwem l-intraprenditorija. Hemm ukoll il-ħtieġa li tiġi indirizzata d-diversità billi l-politika tinfetaħ għall-intersezzjonijiet ma' kategoriji soċjali oħra, bħall-etniċità, id-diżabbiltà (inklużi l-aċċessibbiltà u l-inklużjoni) u l-orjentazzjoni sesswali, kif ukoll id-diskriminazzjoni u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni<sup>54</sup>.

Il-Kummissjoni se:

12. Tippromwovi, mill-2021, f'konformità mal-obiettivi tal-programm Orizzont Ewropa, l-iżvilupp ta' pjanijiet inklużivi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza tal-UE bejn il-ġeneri fir-riċerka u l-innovazzjoni.

### 3. L-INVOLVIMENT TAĊ-ĊITTADINI

L-involviment taċ-ċittadini, tal-komunitajiet lokali u tas-soċjetà ċivili se jkun fil-qalba ta' ŻER il-ġdida biex jinkiseb impatt akbar fuq is-soċjetà u żieda fil-fiduċja fix-xjenza.

Filwaqt li jibnu fuq ir-rwol ewlieni tax-xjenza matul il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-industrija jenħtieġ li jinvolvu liċ-ċittadini fl-għażliet teknoloġiċi. Biex jinkiseb dan, il-mexxejja tal-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-finanzjaturi u dawk li jfasslu l-politika jeħtieġ li jaqblu dwar prinċipji, rakkomandazzjonijiet u Prattiki tajbin biex jinċentivaw u jippremjaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini biex jippromwovu l-fiduċja u jiffaċilitaw l-użu tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.

Iż-ŻER se ssaħħa il-komunikazzjoni lill-pubbliku usa', u lill-ġenerazzjonijiet żgħażagħ b'mod partikolari, dwar ix-xjenza li tindirizza t-tranżizzjoni doppja u tippromwovi azzjonijiet parteċipattivi dwar it-trasformazzjoni tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna. Huwa importanti wkoll li jiġu inklużi organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' gruppi f'riskju ogħla ta' esklużjoni bħal persuni b'diżabbiltà u persuni anzjani sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet kritiċi relatati mal-esklużjoni tagħhom fir-riċerka.

Filwaqt li tinfed is-simplifikazzjoni u l-koerenza, hemm lok għall-integrazzjoni tal-premju "Kapitali tal-Innovazzjoni" u attivitajiet rilevanti oħra tal-UE, bħall-Konkors Ewropew ta' Xjenzati Żgħażagħ (EUCYS) jew il-Festival tax-Xjenza fil-Belt f'inizjattiva ta' politika usa', li tiftaħ ix-xjenza u l-innovazzjoni għall-Ewropej fl-ibliet, ir-reġjuni u l-pajjiżi tagħhom stess.

L-involviment taċ-ċittadini se jibni fuq inizjattivi u avvenimenti diġà eżistenti, bħal-Lejla Ewropea tar-Riċerkaturi, li saret l-akbar avveniment ta' komunikazzjoni u promozzjoni fir-riċerka fl-Ewropa, u tista' tkun pjattaforma xierqa biex tinvolvi ruħha b'mod attiv maċ-ċittadini.

<sup>54</sup> Henning, M.A., Zhou, C., Adams, P., Moir, F., Hobson, J., Hallett, C. & Webster, C.S. 2017. Workplace harassment among staff in higher education: a systematic review. *Asia Pacific Education Review*, 18: 521–539

L-UE tista' tagħmel użu mill-Missjonijiet ta' Orizzont Ewropa biex issegwi l-involviment taċ-ċittadini. Networks bħall-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, in-Network Eurodesk, il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, l-assoċjazzjonijiet tal-istudenti u tal-alumni, iċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur u l-portal tal-BIK tal-UE, eTwinning, is-School Education Gateway, u l-pjattaformi tal-EPALE (tagħlim għall-adulti), huma multiplikaturi effettivi biex jinvolvu lis-soċjeta'.

Il-Kummissjoni se:

13. Torganizza mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati kampanji parteċipattivi tax-xjenza taċ-ċittadini madwar l-Ewropa kollha biex tqajjem sensibilizzazzjoni u networking, pjattaformi ta' "crowdsourcing" u "hackathons" pan-Ewropej, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Missjonijiet ta' Orizzont Ewropa. Il-Kummissjoni se tiżviluppa mal-Istati Membri l-aħjar Prattiki biex tiftaħ ix-xjenza u l-innovazzjoni għaċ-ċittadini u ż-żgħażaġh.

#### 4. IL-GOVERNANZA TAŻ-ŻER IL-ĠDIDA

Iż-ŻER il-ġdida teħtieġ azzjoni fil-livelli nazzjonali u tal-UE, appoġġata minn proċess biex jiġu stabbiliti u aġġornati l-prijoritajiet tal-politika, jiġi mmonitorjat u vvalutat il-progress u jiġi żgurat parir strateġiku biex jintlaħqu objettivi komuni.

L-azzjoni fil-livell tal-UE se tkun iggwidata mil-lista proposta ta' azzjonijiet skont skeda taż-żmien (il-Pjan Direzzjonali taż-ŻER ippreżentat fl-appendiċi) li se tiġi aġġornata mill-Kummissjoni hekk kif tipproċedi l-implimentazzjoni. L-azzjoni fil-livell nazzjonali se tkun iggwidata minn sett ta' valuri u prinċipji ewlenin, li jibnu fuq l-esperjenza ta' dawn l-aħħar 20 sena f'oqsma bħall-aċċess miftuħ, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew il-kundizzjonijiet tal-karriera għar-riċerkaturi u oħrajn.

L-ewwel pass se jikkonsisti f'*Patt Ewropew għar-Riċerka u l-Innovazzjoni* li se jiġi propost sal-ewwel nofs tal-2021, bil-għan li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-objettivi taż-ŻER il-ġdida, filwaqt li jiġu stabbiliti valuri u prinċipji maqbula b'mod komuni u jiġu indikati l-oqsma fejn l-Istati Membri se jiżviluppaw flimkien azzjonijiet ta' prijorità. Se jieħu l-forma ta' inizjattiva waħda mhux vinkolanti.

Permezz tal-ħidma ta' koordinazzjoni tiegħu, il-*Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni* jista' jikkontribwixxi wkoll għall-identifikazzjoni tal-investimenti u r-riformi biex jgħin lill-Istati Membri jħejju l-pjanijiet nazzjonali tagħhom ta' Rkupru u Reżiljenza għall-implimentazzjoni tal-*Faċilità ta' Rkupru u Reżiljenza*.

Sistema ta' monitoraġġ trasparenti se tkun essenzjali permezz tal-pubblikazzjoni ta' *Tabella ta' valutazzjoni* annwali taż-ŻER li se tindirizza l-progress fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, tirvedi l-prijoritajiet u l-azzjonijiet fil-Pjan Direzzjonali taż-ŻER u tipprovdi evidenza u analiżi għas-Semestru Ewropew.

Il-KŻER se jkompli jipprovdi pariri strateġiċi dwar l-iffissar tal-prijoritajiet, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni, biex titwettaq il-viżjoni l-ġdida taż-ŻER. Il-KŻER jenħtieġ li jiżgura s-segwitu fil-livell nazzjonali u jkompli jwettaq ir-rwol tiegħu ta' sorveljanza tal-implimentazzjoni ta' kuljum permezz ta' gruppi ta' ħidma. Għandhom jitqiesu t-tagħlimiet miksuba mill-proċess ta' ppjanar strateġiku għall-ħolqien konġunt ta' Orizzont Ewropa.

Il-Kummissjoni se tgħin fit-tmexxija tal-gruppi billi tagħtihom ir-riżorsi meħtieġa u tikkontribwixxi għat-twaqqif u l-presidenza konġunta tal-aġenda. Il-pajjiżi assoċjati mal-Programm ta' Qafas se jiġu mistiedna jipparteċipaw bħala osservaturi, sakemm dan ikun previst fil-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi.

Il-Kummissjoni se:

14. Tibni fuq it-tagħlimiet miksuba mill-proċess tal-Ippjanar Strateġiku ta' Orizzont Ewropa, tiżviluppa mal-Istati Membri approċċ biex tistabbilixxi u timplimenta prijoritajiet strateġiċi li jwettqu l-aġenda taż-ŻER permezz tal-Forum Ewropew ta' Tranżizzjoni u permezz ta' Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa.

## 5. ID-DIMENSJONI ĠEOPOLITIKA TAŻ-ŻER

Il-kooperazzjoni internazzjonali permezz taż-ŻER se tqis il-prijoritajiet tar-relazzjonijiet esterni tal-UE <sup>55</sup> li jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u għall-implimentazzjoni ta' Next Generation EU billi tappoġġa Ewropa aktar b'Saħħitha fid-Dinja. Il-kooperazzjoni se tkun ibbażata fuq il-multilateraliżmu, ir-reċiproċità u l-ftuħ bi skop, flimkien ma' azzjonijiet immirati strateġikament ma' sħab tal-Patt Ekoloġiku, is-saħħa u t-tranżizzjoni diġitali. F'konformità mal-mudell ta' awtonomija strateġika miftuħa, se tiproteġi u tippromwovi l-interessi vitali u s-sovranità tal-UE f'oqsma strateġiċi tat-teknoloġija u infrastrutturi kritiċi bbażati fuq valuri komuni u li jappoġġaw kundizzjonijiet ekwi globali.

L-assoċjazzjoni mal-Programmi Qafas tal-UE hija l-aktar forma b'saħħitha ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Pajjiżi Assoċjati huma parti integrali miż-ŻER u diġà qed jikkontribwixxu għall-għanijiet tagħha. Il-ħolqien ta' sħubijiet mad-dinja kollha, sabiex jittejbu l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-ħiliet kif ukoll il-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, mingħajr ma jaċċelera l-eżodu ta' mħuħ, se jkun kruċjali, b'mod partikolari għall-benefiċċju taż-żgħażaġh. Il-Viċinat Ewropew jistħoqqlu attenzjoni speċifika. Uħud mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent diġà huma parti miż-ŻER, filwaqt li għal oħrajn, l-integrazzjoni fiż-ŻER se tgħin hom fit-tranżizzjoni lejn sistema ta' riċerka u innovazzjoni li tagħti riżultati, u b'hekk iwittu t-triq għall-adeżjoni tagħhom mal-UE. Għall-programm Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni pproponiet li twessa' l-possibbiltà għal assoċjazzjoni lejn pajjiżi li jikkondividu valuri komuni, anke lil hinn mill-prossimità ġeografika tal-UE.

## 6. KONKLUŻJONI

L-Ewropa wiegħbet għall-isfidi tremendi li qed tiffaċċja billi stabbiliet għanijiet ambizzjużi għaliha nnifisha. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom rwol importanti f'dan il-mument kruċjali biex jiżguraw rkupru li jirrispondi għall-ħtiġijiet tan-nies. Il-bini tar-reżiljenza Ewropea bbażata fuq Unjoni aktar ekoloġika, diġitalment b'saħħitha, kompetittiva u aktar sostenibbli, jeħtieġ sforzi konġunti u tmexxija globali fix-xjenza u l-innovazzjoni, kif ukoll l-involviment u l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini.

Żona Ewropea tar-Riċerka ġdida, aktar profonda u usa' se taħdem mal-Istati Membri biex jintlaħqu l-erba' objettivi strateġiċi ewlenin: il-prijoritizzazzjoni tal-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, it-titjib tal-aċċess għall-eċċellenza, it-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-ekonomija u t-tiħiħ tal-politiki li jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-għarfien.

Barra minn hekk, iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni se jaħdmu flimkien biex jiksbu livell ġdid ta' ambizzjoni li fih l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni huma mmexxija fl-istess direzzjoni biex isostnu l-għarfien bħala pedament għal soċjetajiet demokratiċi, reżiljenti u inklużivi. Dan huwa essenzjali jekk l-Ewropa trid tibqa' globalment kompetittiva u innovattiva filwaqt li, fl-istess ħin, tibqa' leali lejn il-valuri komuni tagħha fil-ħolqien ta' dinja aktar ġusta u sostenibbli.

<sup>55</sup> Bħall-Istrateġija Komprensiva l-ġdida mal-Afrika.

L-Ewropa tħares 'il quddiem u twitti t-triq għall-ġenerazzjoni li jmiss billi toffri soċjetà eċċellenti bbażata fuq l-għarfien bl-ogħla istituzzjonijiet u talent filwaqt li tippromwovi l-inklużività u l-valuri demokratiċi.

APPENDIĊI - Pjan Direzzjonali taż-ŻER

	<b>Azzjonijiet ewlenin</b>	<b>Data</b>
1.	Affermazzjoni mill-ġdid tal-mira ta' investiment tal-UE ta' 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-innovazzjoni u proposta ta' mira ġdida ta' sforz pubbliku tal-UE ta' 1,25 % tal-PDG li għandha tintlaħaq mill-Istati Membri sal-2030	Tibda fl-2021
2.	It-tnedija tal-Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni, biex jappoġġa lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-finanzjament nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u r-riformi	Tibda fl-2021
3.	Appoġġ lill-Istati Membri li huma taħt il-medja tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp tal-UE fuq il-PDG biex iżidu l-investiment totali tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp b'50 % fil-5 snin li ġejjin	Tibda fl-2021
4.	It-twaqqif ta' fluss ta' ħidma dedikat fil-Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni għall-aċċess għall-eċċellenza u appoġġ għall-Istati Membri bi prestazzjoni inqas tajba fir-riċerka u l-innovazzjoni biex iżidu l-għadd tagħhom ta' pubblikazzjonijiet ikkwotati ħafna b'terz fuq 5 snin	Tibda fl-2021
5.	L-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali komuni għat-teknoloġija industrijali	Sal-aħħar tal-2022
6.	L-iżvilupp u t-testjar ta' qafas ta' networking b'appoġġ għall-ekosistemi Ewropej tar-riċerka u l-innovazzjoni, li jibni fuq il-kapaċitajiet eżistenti, sabiex tissaħħaħ l-eċċellenza u jiġu mmassimizzati l-valuri tal-ħolqien, iċ-ċirkolazzjoni u l-użu tal-għarfien	Sal-2022
7.	Aġġornament u żvilupp ta' prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien u kodiċi ta' Prattika għall-użu intelliġenti tal-proprjeta' intellettuali	Sal-aħħar tal-2022
8.	Sett ta' għodod ġdid b'appoġġ għall-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi	Sal-aħħar tal-2024
9.	It-tnedija, permezz tal-Programm Orizzont Ewropa, ta' pjattaforma għal pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ b'rieżami bejn il-pari; tanalizza d-drittijiet tal-awturi biex tippermetti l-kondiviżjoni mingħajr restrizzjoni ta' artikli ffinanzjati b'mod pubbliku u rieżaminati bejn il-pari; L-iżgurar ta' Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa li joffri <i>data</i> u servizzi tar-riċerka li jkunu jistgħu jinstabu, ikunu aċċessibbli, interoperabbli u li jistgħu jergħu jintużaw (Web ta' FAIR); u tinċentiva Prattiki tax-xjenza miftuħa billi ttejjeb is-sistema ta' valutazzjoni tar-riċerka.	Tibda fl-2021
10.	L-implimentazzjoni tal-White Paper tal-EFSRI u l-istabbiliment ta'	Sal-

	struttura ta' governanza aġġornata għar-riċerka u l-infrastrutturi teknoloġiċi	aħħar tal-2021
11.	L-iżvilupp ta' pjan direzzjonali ta' azzjonijiet għall-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-edukazzjoni għolja u r-riċerka, b'mod partikolari billi jibni fuq ir-rwol doppju tal-universitajiet	2021
12.	L-iżvilupp ta' pjanijiet inklużivi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-riċerka u l-innovazzjoni	Tibda fl-2021
13.	L-organizzazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ta' kampanji parteċipattivi tax-xjenza taċ-ċittadini madwar l-Ewropa kollha biex titqajjem sensibilizzazzjoni u networking	Tibda fl-2021
14	L-iżvilupp mal-Istati Membri ta' approċċ biex jiġu stabbiliti u implimentati prijoritajiet strateġiċi li jwettqu l-aġenda taż-ŻER permezz tal-Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni u permezz ta' Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa.	2021